# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 21 – IT-TNEJN 26 TA' MEJJU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (Skużat - xogħol) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat - sptar) |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Skużat) |

Kien hemm persuna waħda tattendi filwaqt għal ftit ħin kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 19 U 20

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant iż-żewġ settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.2 Minħabba li kien hemm l-*accountant* preżenti għal-laqgħa u dan ma setgħax idum, kien hemm qbil li tinbidel l-ordni tal-aġenda.

### 2. APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA TAL-*MANAGEMENT LETTER*

2.1 L-*accountant* tal-Kunsill qara u spjega l-punti li kienu ħejjew hu u s-SE bħala risposta għall-*management letter*.

2.2 Il-Kunsill approva l-kontenut u din ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

### 3. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-EWWEL KWART (JANNAR – MARZU 2014)

3.1 L-*accountant* ta rendikont tal-ispejjeż u dħulijiet għall-ewwel kwart tas-sena.

3.2 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie iffirmat mis-Sindku u mis-SE.

### 4. PUNTI MILL-MINUTI

4.1 B'riferenza għal para. 1.1, is-SE infurmat li l-BOQ skont kif preżentat mill-periti tal-Kunsill kien ġie approvat mill-*Paying Agency* u għaldaqstant kienet ħadet ħsieb toħrġ l-avviż għall-offerta tal-bosk. Hija infurmat li din kienet se tagħlaq nhar it-Tnejn 23

ta' Ġunju f'nofsinhar. Hija fakkret li dakinhar hemm bżonn li jattendu żewġ kunsilliera għall-ftuħ tal-offerti.

4.2 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat ma' uffiċjal u Perit ta' TM fejn kienu daru l-bus stops kollha tal-Imtarfa. Hija infurmat li dawn kienu qablu mas-suġġeriment li jitmexxa l-bus stop ta' quddiem taż-żebgħa u ssuġġerew li jitmexxa għal viċin Triq Theuma Castelletti. Hija qalet ukoll li kienu ħadu numru ta' ritratti tal-bus shelters u hemm possibbiltà li jinbidlu numru minnhom. Is-SE infurmat li l-Kunsill għandu jerġa' jisma' lura mingħandhom.

4.3 Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kunsill biex jitpoġġa *railing* quddiem il-*headquarters* tal-Baden Powell Scouts, hija infurmat li meta għamlet spezzjoni sabet li għaddej servizz tal-Enemalta minn fuq il-bankina, man-naħa li tmiss mal-kurduna. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika mal-Enemalta minn fejn għaddej eżatt u l-għoli tiegħu.

4.4 Is-SE infurmat li kienet bagħtet il-konferma lil TCTC dwar il-ftehim għall-korsijiet tas-sajf filwaqt li ressqet ukoll it-talba tal-Kunsill biex ladarba jkun hemm il-librerija ġdida, huma jieħdu ħsieb joħolqu *research area/computer room* bil-kompjuters tagħhom.

4.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-parkeġġi ta' Pjazza Palma, is-SE infurmat li kienet kellmet lill-Perit tal-Kunsill fejn dan kien talab li jsir survey biex ikun jista' jaħdem fuq pjan għall-parkeġġi. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tagħmel talba lil TM biex jgħaddulna s-suġġerimenti huma sabiex jiġi mmassimizzat il-parkeġġ f'dik l-akwata.

## 5. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-SE rigward rapport li sar lill-pulizija dwar xi ħmieġ u kartun li twaddbu minn xi persuni irresponsabbli u li dwaru hija kienet għaddiet rapport lill-pulizija, b'numru ta' ismijiet ta' ħwienet tal-ikel. Is-SE infurmat li meta jkollha rapporti ta' abbużi bl-ismijiet jew numru ta' vetturi li allegatament ikunu ħammġu, kien fl-obbligu tal-amministrazzjoni li jwassluhom lill-pulizija biex dawn jieħdu ħsieb jiġbdulhom l-attenzjoni.

5.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-SE li kellu xi lmenti dwar il-bankina l-ġdida li saret fi Triq it-Tulipani minħabba li kienet għolja. Kien hemm qbil li l-ħaddiema għandhom jintbagħtu jirranġawha.

5.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-i*sleeping policeman* li qegħda viċin il-ħanut taż-żebgħa titneħħa minħabba li probabbilment insterqu biċċiet minnha u kien fadal inqas minn nofsha u għaldaqstant tista' tkun ta' periklu. Huwa ssuġġerixxa li l-biċċiet li jinqalgħu għandhom jiżdiedu ma' dik diġà eżistenti fi Triq l-Imtarfa quddiem l-Iskola Sekondarja. Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jixtri *sleeping policeman* ġdid biex jitpoġġa minflok dak li nqala' u jinxtraw biċċiet żejda biex tiżdied dik ta' ħdejn l-iskola sekondarja. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li minbarra li jiswew ħafna, dawn it-tip ta' *sleeping policemen* mhumiex konformi mal-istandards ta' TM. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill qabel li ladarba dawn oriġinarjament kienu tpoġġew min-naħa ta' TM, għaldaqstant wieħed għandu jqis li huma aċċettabbli għal TM.

5.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Supretendent il-ġdid, Carmelo Bartolo.

5.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-passaġġ ta' bejn Triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti S. Manduca, minħabba li jidher li l-Viċi Sindku kien għadu ma rnexxilux iġib l-informazzjoni min-naħa tiegħu.

5.6 Fuq talba li saret min-naħa tal-Football Nursery tal-Imtarfa, kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri *shield* biex tipi preżentata waqt attività li se ssir, liema *shield* tkun tista' tibqa' tiġi preżentata kull sena u ddur minn individwu għall-ieħor.

## 6. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

6.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

6.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' April 2014.

## 7. MEMO 12/2014 – SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-KORSIJIET TAL-LIFELONG LEARNING 2014-2015

7.1 Is-SE infurmat li kienet reġgħet fetħet l-iskema tal-korsijiet għall-adulti tal-lifelong learning. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' japplika għall-korsijiet tal-Matematika, Ingliż u Malti bażiku.

## 8. SKIPS FI TRIQ DAR IL-KAPTAN

8.1 Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qed jissuġġerixxi li l-iskips li hemm fi Triq Dar il-Kaptan jitferrxu fuq ġewwa tal-housing estate minħabba li fejn qegħdin huwa aktar faċli li jiġu abbużati. Kien hemm qbil li dan is-suġġeriment għandu jiġi diskuss aktar 'il quddiem meta jkun hemm il-Kunsilliera kollha preżenti.

## 9. *COMPLIANCE CERTIFICATE* GĦALL-BANDLI U ĠNIEN L-IMTARFA

9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet il-*compliance certificate* mill-MEPA u kienet għaddiet kopja lill-Perit Casha. Kienet se tivverifika wkoll jekk dan ifissirx li l-Kunsill jista' japplika għad-devoluzzjoni tal-ġnien. Fir-rigward tar-*railing*, is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni li tgħid li dan huwa lest u li se jitwaħħal fi ftit ġranet oħra. Sadanittant infurmat ukoll li kienet bagħtet ittra lill-perita dwar numru ta' problemi li għad fadal fil-ġnien u li għad hemm bżonn li wieħed jieħu ħsiebhom qabel issir id-devoluzzjoni. Kienet bagħtet kommunikazzjoni wkoll biex jiġi vverifikat jekk ir-*railing* huwiex skont kif titlob il-liġi. Infurmat ukoll li kellha laqgħa dwar is-servizz tal-wifi fil-ġnien.

## 10. *EUROPE FOR CITIZENS PROGRAMME – OPEN CALLS FOR FUNDING*

10.1 Is-SE infurmat li skont informazzjoni li rċeviet mill-MEUSAC, il-Kunsill seta' jekk idaħħal l-applikazzjoni sal-1 ta' Settembru 2014 sabiex ikun hemm skambju ta' residenti bejn l-Imtarfa u l-Iskozja għal possibbiltà ta' ġemellaġġ ġdid (ma' Pumpherston).

10.2 Il-Kunsill qabel li għandhom jinfetħu d-diskussjonijiet ma' dan il-post sabiex possibbilment tintlaħaq din id-data.

## 11. PROĠETT TAL-PJAZZA

11.1 Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li l-perit ma kienx għadda l-pjanti neċessarji biex ikunu jistgħu jintwerew waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

## 12. PUNTI OHRA

12.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech jekk sarux l-ispralli ta' Triq is-27 ta' April, is-SE infurmat li dawn għadhom fuq il-lista tax-xogħlijiet.

12.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li għandu jsir traqqigħ fi Pjazza San Oswald.

12.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li titwaħħal mera faċċata tal-ħruġ mill-parkeġġ ta' binja qlejgħa (ħdejn il-Kunsill) minħabba li qed ikun hemm periklu meta jkun hemm karozza tal-linja pparkjata.

12.4 Il-Kunsillier Fenech talab lis-SE tivverifika fhiex wasal iż-żbir li kellu jsir fi Triq is-27 ta' April.

12.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-Kappillan jekk hux possibbli li jitpoġġew set ta' skips għal skart riċiklabbli ħdejn l-iskips il-ħodor li hemm fil-parkeġġ.

12.6 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE li l-funtani ta' bejn il-barracks għadhom bla ilma. Is-SE infurmat li kienu nnutaw li waħda mill-funtani kienet għadha qed tagħmel l-ilma u għaldaqstant kien importanti li terġa' ssir xi manutenzjoni fuqha. Hija fakkret ukoll li wieħed mill-ħaddiema kien għadu ma lestiex il-ħadida li kellha ssir sabiex tgħatti l-pompa.

12.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-*floodlight* fi Triq is-27 ta' April, is-Sindku informa li huwa kien qed jistenna risposta lura mill-Enemalta. Huwa wiegħed li se jerġa' jibgħat tfakkira dwar dan id-dawl.

12.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-floodlights ta' Binja Msieraħ, is-SE infurmat li l-applikazzjoni għalihom kienet iddaħħlet fi Frar u li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-konferma lura min-naħa tal-Enemalta.

12.9 Is-Sindku talab lis-SE sabiex titlob lill-kuntrattur tas-soft areas biex iżid aktar ħamrija fil-planter ta' Triq Gregorio Caraffa.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |